Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 595/2004**

tat-30 ta' Marzu 2004

li jniżżel regoli dettaljati biex japplika r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003 li jistabbilixxi imposta fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib

(ĠU L 94, 31.3.2004, p. 22)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1468/2006 tal-4 ta' Ottubru 2006	L 338M	526	17.12.2008
►**M2**	Commission Regulation (EC) No 1913/2006 of 20 December 2006	L 365	52	21.12.2006
►**M3**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 228/2008 tat-13 ta' Marzu 2008	L 70	7	14.3.2008
►**M4**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 258/2009 tas-26 ta' Marzu 2009	L 81	19	27.3.2009
►**M5**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 793/2009 tal-31 ta' Awwissu 2009	L 228	7	1.9.2009
►**M6**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 760/2012 tal-21 ta' Awwissu 2012	L 226	1	22.8.2012
►**M7**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1380/2014 tas-17 ta' Diċembru 2014	L 367	82	23.12.2014

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 76M, 24.3.2009, p. 291 (1468/2006)

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 595/2004

tat-30 ta' Marzu 2004

li jniżżel regoli dettaljati biex japplika r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003 li jistabbilixxi imposta fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi imposta fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib(1), u b'mod partikolari l-Artikolu 24 ta' dan,

Billi:

(1) L-iskema għall-imposta fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib ġie estiż skond ir-Regolament (KE) Nru 1788/2003 għal ħdax-il perjodu konsekuttiv ta' tnax-il xahar kull wieħed mill-1 ta' April 2004. Regoli dettaljati għandhom ikunu stabbiliti biex jieħdu kont tad-dispożizzjonijiet il-ġodda ta' dak ir-Regolament. Dawk ir-regoli dettaljati għandhom jinkorporaw ukoll, b'miżura qawwija, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1392/2001 tad-9 ta' Lulju 2001 li jniżżlu regoli dettaljati biex issir applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3950/92 li jistabbilixxi imposta addizzjonali fuq il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib(2). Ir-Regolament (KE) Nru 1392/2001 għandu għalhekk jitħassar.

(2) Regoli għandhom ikunu stabbiliti li jagħmluha possibbli li jitqassmu l-kwantitajiet nazzjonali bejn kunsinni u bejgħ dirett għal kull Stat Membru. Għal dak il-għan, id-definizzjonijiet il-ġodda ta' "kunsinni" u "bejgħ dirett" fl-Artikolu 5(f) u (g) tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003 għandhom jitqiesu mill-Istati Membri, li għandhom jinfurmaw lill-produtturi milquta minn dawk id-definizzjonijiet il-ġodda.

(3) Dan ir-Regolament għandu wkoll isemmi l-fatturi addizzjonali neċessarji għall-kalkolu finali ta' l-imposta pagabbli għal kunsinni u dik għal bejgħ dirett, il-miżuri biex ikun żgurat il-pagament ta' l-imposta fi żmien tajjeb mill-Istat Membru lil Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG) Taqsima Garanti, u fl-aħħar, ir-regoli dwar il-kontrolli biex ikun żgurat li l-kontribuzzjonijiet għall-pagament ta' l-imposta nġabru b'mod korrett.

(4) Għandu jkun speċifikat il-mod kif għandu jittieħed kont ta' l-ammont ta' xaħam fil-ħalib meta tinkiteb id-dikjarazzjoni definittiva ta' kwantitajiet ikkunsinnati. Hemm bżonn ta' dispożizzjonijiet speċjali biex ikopru każijiet fejn il-kwantità ta' referenza għal kunsinni tkun emendata jew fejn kwantitajiet ta' referenza jkunu allokati minn riserva nazzjonali.

▼B

(5) Billi r-Regolament (KE) Nru 1788/2003 stabilixxa r-rati ta' referenza tal-kontenut tax-xaħam għal kull Stat Membru, għandhom jitniżżlu r-regoli li jaġġustaw ir-rati ta' referenza individwali fejn meħtieġ.

(6) Huwa vitali, minn banda waħda, li jsir kontroll li d-*data* kkomunikata mix-xerrejja u produtturi tkun preċiża u, mill-banda l-oħra, biex ikun żgurat li l-piż ta' l-imposta jaqa' attwalment fuq il-produtturi responsabbli għall-eċċess tal-kwantitajiet nazzjonali ta' referenza. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jaħdmu parti akbar fil-kontrolli u l-pieni li jinħtieġu li jdaħħlu biex ikun żgurat li jinġabru b'mod korrett il-kontribuzzjonijiet għall-ħlas ta' l-imposta. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiktbu pjan ta' kontroll nazzjonali għal kull perjodu ta' tnax-il xahar fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskji u għandhom iwettqu kontrolli f'livell ta' razzett, f'livell ta' transport u f'livell ta' xerrejja bl-iskop li jikkumbattu l-irregolaritajiet u l-frodi possibbli. Huwa wkoll neċessarju li jkunu speċifikati t-termini perentorji u n-numru ta' kontrolli meħtieġa biex jippermettu l-verifika fil-limitu ta' żmien mogħti li l-arranġamenti tħarsu mill-partijiet kollha involuti. Il-pieni huma meħtieġa wkoll meta dawk il-ħtiġiet bażiċi ma jintlaħqux.

(7) Huwa wkoll neċessarju għall-Istati Membri li japprovaw li x-xerrejja jaħdmu fit-territorju tagħhom u li jitniżżlu regoli dettaljati għal każijiet meta x-xerrejja jonqsu milli jħarsu dan ir-Regolament

(8) Il-Komunikazzjonijiet mal-Kummissjoni jaħdmu parti importanti fl-amministrazzjoni ta' l-iskema u għandhom għalhekk jiżdiedu. B'mod partikolari, il-komunikazzjonijiet dwar it-tqassim bejn il-kunsinni u l-bejgħ dirett u r-risposti għal kwistjonarju annwali huma essenzali għall-amministrazzjoni mill-Kummissjoni ta' l-iskema. Osservanza tad-dati stabbiliti huwa wkoll fattur li jgħin l-amministrazzjoni effettiva tagħha. Ikun xieraq ukoll li l-Kummissjoni tkun infurmata fid-dettal dwar l-implimentazzjoni f'livell nazzjonali sabiex ikollha għarfien aħjar tal-varji sistemi wżati fl-Istati Membri.

(9) Dan ir-Regolament għandu japplika mill-istess data bħar-Regolament (KE) Nru 1788/2003.

(10) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Ħalib u l-Prodotti mill-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Il-KAPITOLU I

DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Ambitu

Dan ir-Regolament iniżżel regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003 fejn jidħol it-tqassim tal-kwantitajiet nazzjonali ta' referenza bejn kunsinni u bejgħ dirett, il-kalkolu u l-ħlas ta' l-imposta, miżuri ta' kontroll u komunikazzjonijiet mill-Istati Membri.

▼B

Artikolu 2

It-tqassim tal-kwantitajiet nazzjonali ta' referenza bejn kunsinni u bejgħ dirett.

Kull sena, wara li tirċievi l-komunikazzjonijiet imsemmija fl-►M4 Artikolu 25 ◄, il-Kummissjoni għandha taqsam il-kwantità nazzjonali ta' referenza mniżżla għal kull Stat Membru f'L-Anness I tar-Regolament (KE) 1788/2003 bejn kunsinni u bejgħ dirett skond l-Artikolu 1(2) ta' dak ir-Regolament.

It-tqassim għandu jkun ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Konverżjonijiet

Il-konverżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003 jistgħu jkunu temporanji jew definittivi.

Konverżjonijiet temporanji ta' kwantitajiet individwali ta' referenza huma konverżjonijiet fejn, għall-perjodu speċifiku ta' tnax-il xahar, il-produttur jitlob li jikkonverti kwantità ta' ħalib minn kwantità ta' referenza għall-oħra.

Konverżjonijiet definittivi huma konverżjonijiet fejn, għall-perjodu ta' tnax-il xahar u għall-perjodi ta' wara ta' tnax-il xahar, il-produttur jitlob li jikkonverti kwantità ta' ħalib minn kwantità ta' referenza għall-oħra.

Artikolu 4

Informazzjoni dwar definizzjonijiet ġodda ta' kunsinni u bejgħ dirett.

1. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-produtturi kkonċernati bid-definizzjonijiet l-ġodda tal-kliem "kunsinni" u "bejgħ dirett" kif imdaħħla bl-Artikolu 5(f) u (g) tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003.

2. Konverżjoni definittiva minn kwantità waħda ta' referenza għall-oħra mħabba d-definizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir fuq talba tal-produttur skond l-Artikolu 6(2) tar-Regolament Nru 1788/2003.

Artikolu 5

Komunikazzjoni tal-kwantitajiet individwali ta' referenza.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-produtturi b'kull allokazzjoni jew modifikazzjoni ġdida tal-kwantità individwali ta' referenza tagħhom bil-mezzi li jqiesu li huma l-aktar xierqa, sakemm ikun żgurat li l-produtturi għandhom għarfien effettiv tal-kwantità ta' referenza allokata.

▼B

Il-KAPITOLU II

KALKOLU TA' L-IMPOSTA

TAQSIMA 1

REGOLI ĠENERALI

Artikolu 6

Metodu għall-kalkolu ta' l-imposta

Għandu jittieħed kont tal-ħalib jew prodotti mill-ħalib imqiegħedha fis-suq fis-sens ta' l-Artikolu 5(h) tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003 biex isir kalkolu ta' l-imposta fil-mument li jitilqu minn xi azjenda fit-territorju ta' l-Istat Membru jew li jintużaw fl-azjenda għal skopijiet kummerċjali.

Fejn ħalib jew prodotti mill-ħalib jitilqu mill-azjenda bl-iskop li jinqered bl-applikazzjoni tal-miżuri tas-saħħa skond deċiżjoni ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru, ma għandux jittieħed kont tal-kwantitajiet ikkonċernati bħala kunsinni jew bejgħ dirett.

Il-ħalib li jitlaq mill-azjenda għal trattament jew ipproċessar b'kuntratt għandu jitqies bħala kunsinni.

Artikolu 7

Emendi għall-kontenut ta' xaħam ta' referenza individwali

1. Meta jiġu allokati kwantitajiet addizzjonali ta' referenza mir-riserva nazzjonali, il-kontenut ta' xaħam ta' referenza msemmi fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003 għandu jibqa' l-istess.

2. Fejn il-kwantità ta' referenza għal kunsinni jiżdied jew ikun stabbilit fuq il-bażi tal-konverżjonijiet taħt l-Artikolu 6(2) tar-Regolament Nru 1788/2003, il-kontenut tax-xaħam ta' referenza assoċjat mal-kwantità ta' referenza konvertit f'kunsinni għandu jkun ta' 3,8 %.

Madankollu, il-kontenut tax-xaħam ta' referenza tal-kwantità ta' referenza għal kunsinni għandu jibqa' l-istess jekk il-produttur jipprovdi ġustifikazzjoni għal dak l-iskop għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità kompetenti.

3. F'każijiet imsemmija fl-Artikoli 16, 17 u 18(1)(d), (e) u (f) tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003, il-kontenut ta' xaħam ta' referenza għandu jkun trasferit flimkien mal-kwantità ta' referenza li magħha tkun assoċjata.

4. F'każijiet imsemmija fl-Artikolu 18(1)(b) u (ċ) tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003, il-kontenut ta' xaħam ta' referenza totali allokat jew trasferit ma għandux jiżdied b'relazzjoni għal dak tal-kwantitajiet meħlusa. Minbarra preġudizzju għall-Artikolu 6(5) tar-Regolament Nru 1788/2003, il-kwantità ta' ħalib disponibbli għal riallokazzjoni jew trasferiment tista' terġa' tkun kalkulata b'kontenut ta' xaħam ta' referenza mogħti jew, bil-maqlub, il-kontenut ta' xaħam ta' referenza jista' jerġa' jkun kalkulat b'kwantità mogħtija u disponibbli ta' ħalib.

▼B

5. Fil-każijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 u fil-paragrafi 3 u 4, il-kontenut ta' xaħam ta' referenza li jirriżulta għandu jkun indaqs mal-medja tar-rati ta' referenza inizjali u trasferiti jew mibdula, peżati bil-kwantitajiet ta' referenza inizjali u trasferiti jew mibdula.

6. Fil-każ ta' produtturi li l-kwantità ta' referenza intiera tagħhom tiġi mir-riserva nazzjonali u li bdew il-produzzjoni wara l-1 ta' April 2004, il-kontenut ta' xaħam ta' referenza għandu jkun indaqs mal-kontenut ta' xaħam ta' referenza nazzjonali stabbilit f'L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003.

TAQSIMA 2

KUNSINNI

Artikolu 8

Prospett ta' kunsinni

1. Fl-aħħar ta' kull perjodu ta' tnax-il xahar, ix-xerrejja għandhom jiktbu prospett għal kull produttur li juri mill-anqas il-kwantità u l-kontenut ta' xaħam tal-ħalib ikkunsinnat minn dan ta' l-aħħar matul dak il-perjodu.

Fil-każ ta' snin biżestili, il-kwantità ta' ħalib għandha tkun imnaqqsa b' 1/60 tal-kwantitajiet ikkunsinnati fi Frar u Marzu.

2. Qabel il-15 ta' Mejju ta' kull sena, ix-xerrejja għandhom jibgħatu lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru dikjarazzjoni li tiġbor fil-qosor il-prospetti msemmija fil-paragrafu 1, li turi mill-anqas il-kwantità totali u l-kontenut ta' xaħam medju tal-ħalib ikkunsinnat lilhom u, meta hekk meħtieġ minn deċiżjoni ta' l-Istat Membru, għal kull produttur, il-kwantità ta' referenza u l-kontenut ta' xaħam rappreżentattiv, il-kwantità korretta skond l-Artikolu 10(1), it-total tal-kwantitajiet individwali ta' referenza u l-kwantitajiet korretti u l-kontenut ta' xaħam medju tal-produzzjoni ta' dawk il-produtturi.

Meta applikabbli, ix-xerrejja għandhom jiddikjaraw li huma ma rċevew l-ebda kunsinna matul il-perjodu konċernat.

3. L-Istat Membru għandu jeħtieġ li x-xerrejja li jonqsu milli jħarsu l-limitu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 2 iħallsu ammont daqs l-imposta dovuta għal eċċess ta' 0,01 % tal-kwantitajiet tal-ħalib ikkunsinnati lilhom minn produtturi għal kull ġurnata kalendarja ta' dewmien. Meta dawk il-kwantitajiet mhumiex magħrufa għaliex ma saret l-ebda dikjarazzjoni, għandhom ikunu stmati mill-awtorità kompetenti. Dak l-ammont ma jistax ikun inqas minn 100 EUR u lanqas aktar minn 100000 EUR.

▼M1
▼C1

4. Fejn ma tintbagħat l-ebda dikjarazzjoni qabel il-15 ta' Ġunju, l-Istati Membri għandhom fi żmien 15-il jum ta' xogħol javżaw b'mod formali lix-xerrej biex jibgħat din id-dikjarazzjoni fi żmien 15-il jum. Meta ma tiġi sottomessa l-ebda dikjarazzjoni fl-aħħar ta' dak il-perjodu, l-Istati Membri għandhom jew jirtiraw l-approvazzjoni jew jeħtieġu ħlas ta' ammont fi proporzjon għall-volum ta' ħalib involut u s-serjetà tal-irregolarità.

▼C1

Il-paragrafu 3 għandu jkompli japplika matul il-perjodu tal-avviż.

▼B

5. Il-pieni msemmija fil-paragrafi 3 u 4 mgħandhomx ikunu imposti meta l-Istat Membru jirrikonoxxi każ ta' forza maġġuri jew jistabbilixxi li l-irregolarità ma saritx deliberatament jew b'riżultat ta' negliġenza serja, jew meta l-irregolarità tkun ta' importanza żgħira f'termini ta' l-funzjonament ta' l-iskema jew l-effikaċja tal-kontrolli.

Artikolu 9

Aġġustament tal-kontenut ta' xaħam ta' referenza individwali

1. Għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 9(5) tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003, l-Istati Membri għandhom jirreġistraw qabel l-1 ta' Lulju kull sena kull eċċess tal-kontenut ta' xaħam ta' referenza nazzjonali għall-perjodu ta' tnax-il xahar li jispiċċa fl-31 ta' Marzu ta' dik is-sena.

2. Il-kontenut ta' xaħam ta' referenza individwali għandu jkun aġġustat bl-istess ko-effiċjent għall-produtturi kollha biex għal kull Stat Membru l-medja ppeżata tal-kontenuti ta' xaħam individwali rappreżentattivi ma jeċċediex b'aktar minn 0,1 gramma għal kull kg il-kontenut ta' xaħam ta' referenza stabbilit f'L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003. L-aġġustament għandu jkun notifikat lill-produtturi qabel l-1 ta' Awissu u għandu jgħodd mill-perjodu ta' tnax-il xahar li jibda fl-1 ta' April ta' dik is-sena.

Artikolu 10

Paraguni tal-kontenut ta' xaħam ta' referenza u dak reali.

1. Sabiex tagħmilha possibbli li kull produttur jikteb il-prospett imsemmi fl-Artikolu 8(1) ta' dan ir-Regolament u skond l-artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003, il-kontenut ta' xaħam medju tal-ħalib ikkunsinnat mill-produttur għandu jkun imqabbel mal-kontenut ta' xaħam ta' referenza tal-produttur imsemmi fl-Artikolu 9(1) ta' dak ir-Regolament.

▼M4

Jekk tinstab differenza pożittiva, il-kwantità ta' ħalib ikkunsinnata għandha tiżdied b'0,09 % għal kull 0,1 gramm ta' xaħam addizzjonali għal kull kilogramm ta' ħalib.

▼B

Jekk tinstab differenza negattiva, il-kwantità ta' ħalib ikkunsinnata għandha titnaqqas b' 0,18 % għal kull 0,1 gramm ta' xaħam anqas għal kull kilogramm ta' ħalib.

▼M1
▼C1

Fejn fl-applikazzjoni tat-tielet subparagrafu l-kwantità aġġustata tal-ħalib imwassal mill-produttur tkun ta' inqas minn 75 % tal-kwantità tal-ħalib imwassal u fejn ir-referenza tal-kontenut tax-xaħam tal-produttur hija 'l fuq minn 4,5 %, id-dikjarazjoni individwali għandha ssir abbażi tal-75 % tal-kwantità verament imwassla.

▼M4

Meta l-kwantità ta' ħalib ikkunsinnata tkun espressa f'litri, l-aġġustament għandu jkun immultiplikat bil-koeffiċjent 0,971.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-aġġustament tal-kunsinni f'livell nazzjonali skont l-Artikolu 80(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 ([1]).

▼B

TAQSIMA 3

BEJGĦ DIRETT

Artikolu 11

Dikjarazzjonijiet ta' bejgħ dirett

1. Fi tmiem kull perjodu ta' tnax-il xahar, kull produttur għandu jagħmel dikjarazzjoni li tiġbor fil-qosor għal kull prodott kull bejgħ dirett tiegħu.

Fil-każ ta' snin biżestili, il-kwantità ta' ħalib jew l-ekwivalenti tal-ħalib għandu jkun imnaqqas b' 1/60 tal-kwantitajiet mibjugħa fi Frar u Marzu jew b' 1/366 tal-kwantitajiet mibjugħa fil-perjodu ta' 12-il xahar ikkonċernat.

2. Qabel il-15 ta' Mejju ta' kull sena, il-produtturi għandhom jibgħatu d-dikjarazzjoni prevista fil-paragrafu 1 lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru.

L-Istat Membru jista' jeħtieġ li l-produtturi b'kwantitajiet ta' referenza għall-bejgħ dirett jiddikjaraw li ma biegħux jew ma trasferewx xi ħalib jew prodotti ta' ħalib oħra matul il-perjodu kkonċernat, meta dak ikun il-każ.

3. L-Istat Membru għandu jeħtieġ li l-produtturi li jonqsu milli jħarsu l-limitu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 2 jħallsu ammont daqs l-imposta dovuta għall-eċċess ta' 0,01 % tal-kwantità ta' referenza għall-bejgħ dirett għal kull ġurnata kalendarja ta' dewmien. Madankollu, dak l-ammont ma jistax ikun anqas minn 100 EUR jew aktar minn 1000 EUR.

Meta l-kwantità ta' referenza nazzjonali għall-bejgħ dirett ukoll ġie maqbuż, il-produtturi li qabżu l-kwantità ta' referenza tagħhom għandhom ikunu meħtieġa wkoll li jħallsu kontribuzzjoni għall-imposta kkalkulata fuq l-eċċess sħiħ tal-kwantità ta' referenza tagħhom u ma jistgħux jibbenefikaw minn xi riallokazzjoni ta' kwantitajiet ta' referenza mhux użati kif previst fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003.

Meta l-produtturi jissottomettu dikjarazzjonijiet inkorretti, l-Istat Membru għandu jeħtieġ li jħallsu ammont f'proporzjon mal-kwantità ta' ħalib ikkonċernat u s-serjetà ta' l-irregolarità, sa ammont massimu daqs l-imposta teoretika applikabbli għall-kwantità ta' ħalib li tirriżulta ladarba l-korrezzjoni tiġi applikata, immultiplikata b'1,5.

▼M1
▼C1

4. Fejn ma tintbagħat l-ebda dikjarazzjoni qabel il-15 ta' Ġunju, l-Istati Membri għandhom fi żmien 15-il jum ta' xogħol javżaw b'mod formali lill-produttur biex jibgħat id-dikjarazzjoni fi żmien 15-il jum. Fejn ma tintbagħat l-ebda dikjarazzjoni sat-tmiem ta' dan il-perjodu, ir-referenza tal-kwalità għall-bejgħ dirett tal-produttur ikkonċernat tmur lura għar-riżerva nazzjonali. L-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandu jkompli jgħodd matul il-perjodu tal-avviż.

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

▼B

5. Il-pieni msemmija fil-paragrafi 3 u 4 mgħandhomx jiġu imposti meta l-Istat Membru jirrikonoxxi każ ta' forza maġġuri jew jistabbilixxi li l-irregolarità ma ġietx komessa deliberatament jew b'riżultat ta' negliġenza serja jew meta l-irregolarità tkun ta' importanza żgħira f'termini tal-funzjonament ta' l-iskema jew l-effikaċja tal-kontrolli.

Artikolu 12

Ekwivalenzi

1. Għal prodotti mqiegħedha fis-suq barra mill-ħalib, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-kwantitajiet ta' ħalib użat għall-ipproċessar. To that end, the equivalence formulae to be used shall be:

(a) 1 kg krema = 0,263 kg ħalib × % kontenut ta' xaħam ta' krema, espress bħala massa;

(b) 1 kg butir = 22,5 kg ħalib.

Fil-każ ta' ġobon u l-prodotti tal-ħalib kollha l-oħra, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ekwivalenzi billi jużaw, b'mod partikolari, il-kontenut tal-materja mnixxfa u l-kontenut ta' xaħam tat-tipi ta' ġobon jew prodotti kkonċernati.

Jekk il-produttur jista' jagħti prova għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità kompetenti tal-kwantitajiet użati attwalment għall-ipproċessar tal-prodotti kkonċernati, l-Istat Membru jista' juża dik il-prova minflok l-ekwivalenzi msemmija fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi.

2. Jekk turi ruħha diffiċli li tistabbilixxi l-kwantitajiet ta' ħalib użat għall-ipproċessar fuq il-bażi tal-prodotti mqiegħedha fis-suq, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu l-kwantitajiet ta' ħalib ekwivalenti fuq bażi ta' rata fissa b'referenza għan-numru ta' baqar tal-ħalib miżmuma mill-produttur u l-medja tal-produzzjoni tal-ħalib għal kull baqra rappreżentattiva tal-merħla.

Il-KAPITOLU III

HLAS TA' L-IMPOSTA

Artikolu 13

Notifika ta' l-imposta

1. Fil-każ ta' kunsinni, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika jew tikkonferma lix-xerrejja l-kontribuzzjonijiet għall-imposta mħallsa minnhom wara li jirriallokaw, jew le, b'deċiżjoni ta' l-Istat Membru, il-kwantitajiet ta' referenza mhux użati jew b'mod dirett lill-produtturi involuti jew, skond il-każ, lix-xerrejja bil-ħsieb ta' l-allokazzjoni sussegwenti fost il-produtturi involuti.

2. Fil-każ tal-bejgħ dirett, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-produtturi l-kontribuzzjonijiet għall-imposta mħallsa minnhom wara r-riallokazzjoni, jew le, b'deċiżjoni ta' l-Istat Membru, ta' kollha jew parti mill-kwantitajiet ta' referenza mhux użati b'mod dirett lill-produtturi involuti.

▼B

3. Mgħandha ssir l-ebda riallokazzjoni f'livell nazzjonali ta' kwantitajiet mhux użati bejn kwantitajiet ta' referenza ta' kunsinni u dawk ta' bejgħ dirett.

▼M2

Article 14

The operative event for the exchange rate applicable to the payment of the levy referred to in Article 1 of Regulation (EC) No 595/2004 shall be that referred to in Article 5(6) of Commission Regulation (EC) No 1913/2006 ([1]).

▼B

Artikolu 15

Limitu ta' żmien għall-ħlas

▼M7

1. Qabel l-1 ta' Ottubru ta' kull sena, ix-xerrejja u, fil-każ ta' bejgħ dirett, il-produtturi li jinżammu responsabbli għall-imposta għandhom iħallsu lill-awtorità kompetenti l-ammont dovut skont ir-regoli stabbiliti mill-Istat Membru, billi x-xerrejja huma responsabbli għall-ġbir tal-imposta għaż-żejjed fuq il-kunsinni dovuta mill-produtturi skont l-Artikolu 79 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, f'konformità mal-Artikolu 81(1) ta' dak ir-Regolament.

▼B

2. Meta l-limitu ta' żmien għall-ħlas imsemmi fil-paragrafu 1 mhuwiex imħares, is-somom dovuti għandhom jgħaddu mgħax ta' kull sena bir-rati ta' referenza applikabbli fl-1 ta' ►M1 ►C1 Ottubru ◄ ◄ kull sena, kif imsemmi f'L-Anness II, biż-żjieda ta' punt persentaġġ.

L-imgħax għandu jitħallas lill-Istat Membru.

▼M1
▼C1

3. L-Istati Membri għandhom jiddikjaraw lill-Fond Agrikolu Ewropew dwar Garanzija (FAEG) l-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003 flimkien man-nefqa ddikjarata fir-rigward ta' Novembru ta' kull sena.

Fejn skont l-Artikolu 26(3) ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jikkomunikaw dwar aġġornament fil-kwestjonarju kif maħsub f'paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu, l-ammonti aġġustati li jirriżultaw għandhom ikunu ddikjarati lill-FAEG flimkien mal-infiq iddikjarat dwar ix-xahar qabel ma jintbagħat il-kwestjonarju.

▼B

4. Meta s-sett ta' dokumenti msemmija fl-Artikolu 3(5) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 296/96(3) juri li l-limitu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu ma nżammx, il-Kummissjoni għandha tirriduċi l-ħlasijiet antiċipati fid-dħul fil-kontijiet tan-nefqa ta' l-agrikoltura f'proporzjon ma' l-ammont dovut jew stima tiegħu, skond l-Artikolu 3(2) tar-Regolament Nru 1788/2003.

▼M1
▼C1

Artikolu 16

Kriterji għal taqsim ġdid mod ieħor tal-imposta ż-żejda

1. Meta jkun xieraq, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-kategoriji ta' prijorità tal-produtturi msemmija fl-Artikolu 13(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003, fuq il-bażi ta' wieħed jew aktar mill-kriterji oġġettivi li ġejjin:

([1]) OJ L 365, 21.12.2006, p. 52.

▼C1

(a) rikonoxximent formali mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li l-imposta kollha jew parti minnha kienet iddebitata b'mod ħażin;

(b) il-lokalità ġeografika tal-azjenda, u primarjament żoni tal-muntanji fis-sens tal-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 ([1]);

(ċ) id-densità massima tal-istokk tal-azjenda għall-iskop ta' produzzjoni estensiva tal-bhejjem;

(d) il-kwantità ta' referenza individwali tinqabeż b'inqas minn 5 % jew inqas minn 15 000 kg, skont liema jkun l-inqas;

(e) il-livell tal-kwantità ta' referenza individwali ikun inqas minn 50 % tal-medja nazzjonali ta' kwantità ta' referenza individwali;

(f) kriterji objettivi oħra adottati mill-Istat Membru wara li jikkonsulta mal-Kummissjoni.

2. It-taqsim ġdid mod ieħor tal-imposta ż-żejda għandu jitlesta ħmistax-il xahar wara t-tmiem tal-perjodu ta' tnax-il xahar li ssemma mill-aktar tard.

Artikolu 16a

L-użu ta' 1 % dazju li ma jitħallasx lill-FAEG

Fejn skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003, id-dazju ta' 1 % li ma jitħallasx lill-FAEG jaqbeż l-ammont meħtieġ biex ikopri l-każijiet ta' falliment jew inabbiltà definittiva biex ċerti produtturi jħallsu d-dazju, l-Istati Membri jistgħu jużaw iż-żejjed skont l-Artikolu 13(1) ta' dak ir-Regolament.

▼B

Artikolu 17

Ħlas ta' l-imposta

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw li l-imposta tkun iddebitata b'mod korrett u li jaqa' fuq il-produtturi li kkontribwew għall-eċċess.

Il-KAPITOLU IV

KONTROLLI MILL-ISTATI MEMBRI U L-OBBLIGI TAX-XERREJJA U L-PRODUTTURI

TAQSIMA 1

KONTROLLI

Artikolu 18

Miżuri ta' kontroll nazzjonali

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri ta' kontroll kollha biex jiżguraw li jitħares dan ir-Regolament u b'mod partikolari l-miżuri msemmija fl-Artikoli 19 sa 22.

([1]) ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80.

▼B

Artikolu 19

Pjan ta' kontroll

1. L-Istati Membri għandhom ifasslu pjan ta' kontroll ġenerali għal kull perjodu ta' 12-il xahar fuq il-bażi ta' l-analiżi tar-riskji. Dan il-pjan ta' kontroll għandu jinkludi mill-anqas:

(a) il-kriterji adottati għat-tfassil tal-pjan;

(b) ix-xerrejja u l-produtturi magħżula;

(ċ) kontrolli fil-post esegwiti inkwantu għal perjodu ta' 12-il xahar;

(d) il-kontrolli ta' trasport bejn il-produtturi u x-xerrejja;

(e) il-kontrolli tad-dikjarazzjonijiet annwali tal-produtturi jew tax-xerrejja.

L-Istati Membri jistgħu jiddiċiedu li jaġġornaw il-pjan ta' kontroll ġenerali b'aktar pjanijiet perjodiċi.

Ir-rappreżentanza ta' l-operaturi attivi fis-settur tal-ħalib għandhom jitqiesu inkwantu għall-analiżi tar-riskji kif ukoll inkwantu għal kemm il-produzzjoni tkun ta' l-istaġun għaż-żmien magħżul tal-kontrolli.

2. Il-kontrolli għandhom jitwettqu sa ċertu punt matul il-perjodu ta' 12-il xahar li ssemma, u sa ċertu punt wara l-perjodu ta' 12-il xahar fuq il-bażi tad-dikjarazzjonijiet annwali.

▼M6

3. Il-kontrolli għandhom jitqiesu li jkunu tlestew ladarba jkun disponibbli r-rapport tal-ispezzjoni tagħhom.

Ir-rapporti kollha tal-ispezzjoni għandhom jitlestew sa mhux aktar tard minn 18-il xahar minn meta jintemm il-perjodu ta' 12-il xahar ikkonċernat.

Madankollu, meta l-kontrolli previsti fl-Artikolu 20 isiru flimkien ma' kontrolli oħra, għandhom jitħarsu l-limiti taż-żmien stabbiliti għall-kontrolli l-oħra u għall-istabbiliment tar-rapporti tal-ispezzjoni rispettivi tagħhom.

▼B

Artikolu 20

Kontrolli fil-post

Kontrolli fil-post mgħandhomx ikunu mħabbra. Madankollu, sakemm l-iskop tal-kontroll ma jkunx fil-periklu, jista' jingħata avviż bil-quddiem limitat għal minimu neċessarju assolut.

Meta jkun xieraq, kontrolli fil-post previsti f'dan ir-Regolament, kif ukoll xi kontrolli oħra previsti fir-regoli tal-Komunità, għandhom jitwettqu fl-istess ħin.

Artikolu 21

Kontrolli fuq kunsinni u bejgħ dirett

1. Inkwantu għal kunsinni, il-kontrolli għandhom ikunu esegwiti f'livell ta' razzett, matul it-trasport tal-ħalib u f'livell ta' xerrejja. Fl-istadji kollha l-Istati Membri għandhom jikkontrollaw fiżikament permezz ta' kontrolli fil-post l-akkuratezza tar-reġistrazzjoni u l-kontijiet tal-ħalib imqiegħed fis-suq u b'mod partikolari:

(a) f'livell ta' razzett, l-istatus tal-produtturi fis-sens ta' l-Artikolu 5(c) tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003 kif ukoll il-kompatibilità bejn il-kunsinni u l-kapaċità ta' produzzjoni;

▼B

(b) f'livell ta' trasport, id-dokument imsemmi fl-Artikolu 24(4) ta' dan ir-Regolament, l-akkuratezza ta' l-istrumenti li jkejlu l-volum u l-kwalità tal-ħalib, l-akkuratezza tal-metodu ta' ġbir, inklużi l-possibbli punti intermedji ta' ġbir, l-akkuratezza tal-kwantità ta' ħalib miġbur waqt il-ħatt;

(ċ) f'livell ta' xerrejja, l-akkuratezza tad-dikjarazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari b'kontrolli bir-reqqa fuq dokumenti msemmija fl-Artikolu 24(2) sa (5) ta' dan ir-Regolament kif ukoll il-kredibilità tar-reġistrazzjonijiet ta' ħażniet u kunsinni msemmija fl-Artikolu 24(2) u (3) ta' dan ir-Regolament fid-dawl tad-dokumenti kummerċjali u dokumenti oħra li juru kif il-ħalib li nġabar intuża.

2. Inkwantu għal bejgħ dirett, il-kontrolli għandhom ikopru b'mod partikolari:

(a) f'livell ta' razzett, l-istatus tal-produttur fis-sens ta' l-Artikolu 5(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003 kif ukoll il-kompatibilità bejn bejgħ dirett u kapaċità ta' produzzjoni;

(b) l-akkuratezza tad-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(1) ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari permezz tad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 24(6) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 22

L-intensità tal-kontrolli

▼M6

1. Il-kontrolli msemmija fl-Artikolu 21(1) għandhom ikopru mill-anqas:

(a) 1 % tal-produtturi għal kull perjodu ta' 12-il xahar;

(b) 20 % tal-kwantità tal-ħalib iddikjarata wara l-aġġustament għall-perjodu kkonċernat; u

(c) kampjun rappreżentattiv tat-trasport tal-ħalib bejn il-produtturi u x-xerrejja magħżula.

Il-kontrolli tat-trasport imsemmija fil-punt (c) għandhom jitwettqu b'mod partikulari waqt il-ħatt fl-imħaleb.

▼M3

2. Il-kontrolli msemmija fl-Artikolu 21(2) għandhom ikopru talanqas:

(a) 5 % tal-produtturi; jew

(b) iż-żewġ gruppi li ġejjin:

(i) 1 % tal-produtturi li l-kwantità ta' referenza individwali għall-bejgħ dirett tagħhom hija inqas minn 5 000 kg u li l-bejgħ dirett iddikjarat tagħhom għall-perjodu konċernat ta' 12-il xahar huwa inqas minn 5 000 kg ta' ħalib jew ta' ekwivalenti tal-ħalib.

(ii) 5 % tal-produtturi li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stipulati fil-punt (i).

▼B

3. Kull xerrej għandu jkun kontrollat ta' mill-anqas darba f'ħames snin.

▼M6

4. Jekk xi kontroll jikxef irregolaritajiet jew diskrepanzi sinifikanti f'reġjun jew f'parti minn reġjun, l-awtorità kompetenti għandha tirdoppja l-għadd ta' kontrolli li jsiru f'dak ir-reġjun jew f'dik il-parti ta' dak ir-reġjun matul il-perjodu ta' 12-il xahar ikkonċernat u matul il-perjodu ta' 12-il xahar ta' wara.

▼B

TAQSIMA 2

OBBLIGI

Artikolu 23

Approvazzjoni tax-xerrejja

1. Sabiex ikunu jistgħu jixtru l-ħalib mill-produtturi u biex jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru, ix-xerrejja għandhom ikunu approvati minn dak l-Istat Membru.

2. Mingħajr preġudizzju għal regoli aktar stretti stabbiliti mill-Istat Membru involut, ix-xerrejja għandhom ikunu approvati biss meta huma:

(a) jagħtu prova ta' l-istatus tagħhom bħala negozjanti skond dispożizzjonijiet nazzjonali;

(b) għandhom uffiċċji fl-Istat Membru involut fejn ir-reġistrazzjoni tal-ħażniet, ir-reġistri u d-dokumenti oħra msemmija fl-Artikolu 24(2) jistgħu jkunu kkonsultati mill-awtorità kompetenti;

(ċ) jieħdu r-responsabbiltà li jaġġornaw ir-reġistrazzjoni tal-ħażniet, reġistri u dokumenti oħra msemmija fl-Artikolu 24(2);

(d) jieħdu r-responsabbiltà li jibgħatu l-prospetti u d-dikjarazzjonijiet previsti fl-Artikolu 8(2) lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru involut ta' mill-anqas darba fis-sena.

3. Mingħajr preġudizzju għall-pieni stabbiliti mill-Istat Membru involut, l-approvazzjoni għandha tiġi rtirata meta l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2(a) u (b) mgħadhomx jintlaħqu.

Meta jinstab li xerrej bagħat prospett jew dikjarazzjoni inkorretta, jew naqas milli jħares ir-responsabbiltà msemmija fil-paragrafu 2(ċ) jew naqqas ripetutament milli jħares kull obbligu ieħor impost skond ir-Regolament (KE) Nru 1788/2003, dan ir-Regolament jew ir-regoli nazzjonali rilevanti, l-Istat Membru għandu jew jirtira l-approvazzjoni jew jeħtieġ ħlas ta' ammont f'proporzjon għall-volum ta' ħalib involut u s-serjetà ta' l-irregolarità.

4. L-approvazzjoni tista' terġa' tinkiseb fuq talba tax-xerrej wara perjodu ta' mill-anqas sitt xhur, sakemm iżjed stħarriġ profond jagħti riżultati sodisfaċenti.

Il-pieni msemmija fil-paragrafu 3 mgħandhomx ikunu imposti meta l-Istat Membru jirrikonoxxi każ ta' forza maġġuri jew jistabbilixxi li l-irregolarità ma kienitx kommessa deliberatament jew b'riżultat ta' negliġenza serja, jew meta l-irregolarità hi ta' importanza żgħira f'termini tal-funzjonament ta' l-iskema jew l-effikaċja tal-kontrolli.

▼B

Artikolu 24

Obbligi tax-xerrejja u tal-produtturi

1. Il-produtturi għandhom jiżguraw li x-xerrejja lil min jagħmlu l-kunsinni jiġu approvati. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pieni għal meta l-kunsinni jsiru lil xerrejja mhux approvati.

2. Ix-xerrejja għandhom ikollhom disponibbli għall-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru, għal mill-anqas tliet snin mit-tmiem tas-sena li fiha tfasslu d-dokumenti, reġistrazzjoni tal-ħażniet għal kull perjodu ta' 12-il xahar bid-dettalji ta' l-isem u l-indirizz ta' kull produttur, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(2), imdaħħlin kull xahar jew perjodu ta' erba' ġimgħat fil-każ ta' kwantitajiet ikkunsinnati u ta' kull sena fil-każ tad-*data* l-oħra, flimkien mad-dokumenti kummerċjali, korrispondenza u informazzjoni oħra msemmija fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4045/89(5), li jippermetti li dik ir-reġistrazzjoni tal-ħażniet tkun verifikata.

3. Ix-xerrejja għandhom ikunu responsabbli għar-reġistrazzjoni tal-kwantitajiet kollha tal-ħalib ikkunsinnat lilhom. Għal dak il-għan, għandhom ikollhom disponibbli għall-awtorità kompetenti, għal mill-anqas tliet snin mit-tmiem tas-sena li fiha tfasslu d-dokumenti, l-elenku tax-xerrejja u tal-impriżi li jitrattaw jew jipproċessaw il-ħalib u jfornuhom bil-ħalib u, għal kull xahar, il-kwantitajiet ikkunsinnati minn kull fornitur.

4. Mal-ġbir fl-azjendi, il-ħalib għandu jkun akkumpanjat minn dokument li jidentifika l-kunsinna. Barra dan, ix-xerrejja għandhom iżommu reġistrazzjoni ta' kull kunsinna individwali għal mill-anqas tliet snin mit-tmiem tas-sena li fiha tfasslet ir-reġistrazzjoni.

5. Il-produtturi li jagħmlu l-kunsinni għandhom ikollhom disponibbli għall-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru, għal mill-anqas tliet snin mit-tmiem tas-sena li fiha d-dokumenti tfasslu, id-dokumenti inkwantu għall-kwantitajiet ta' ħalib ikkunsinnat lix-xerrejja. Il-produttur li ssemma għandu jkollu wkoll disponibbli għall-awtorità kompetenti r-reġistri tal-bhejjem miżmuma fl-azjendi u wżati għall-produzzjoni tal-ħalib, skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(6).

6. ►M1 ►C1 Il-produtturi li jagħmlu l-bejgħ dirett għandu jkollhom disponibbli għall-awtorità kompetenti tal-Istat Membru, għal mill-anqas tliet snin mit-tmiem tas-sena li fiha tfasslu d-dokumenti, ir-reġistrazzjoni tal-ħażniet imfassla għall-perjodu ta' 12-il xahar u jagħtu dettalji, għal kull xahar u għal kull prodott, ta' kull bejgħ jew trasferiment ta' ħalib jew prodotti tal-ħalib.

Il-produtturi li jkollhom kwantità ta' referenza individwali ta' bejgħ dirett ta' 5 000 kg jew aktar għandhom iżommu reġisti tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib li ġew prodotti imma mhux mibjugħa jew trasferiti.

L-Istati Membri jistgħu jistipulaw aktar regoli dettaljati. ◄ ◄

Għandhom ikollhom disponibbli wkoll għall-awtorità kompetenti r-reġistri tal-bhejjem miżmuma fl-azjendi u wżati għall-produzzjoni tal-ħalib, skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000, u d-dokumenti ta' sostenn li jagħmluha possibbli li dik ir-reġistrazzjoni tal-ħażniet tkun verifikata.

▼B

Il-KAPITOLU V

KOMUNIKAZZJONIJIET

Artikolu 25

Komunikazzjonijet għat-taqsim bejn kunsinni u bejgħ dirett

1. Qabel l-1 ta' Lulju 2004, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bit-taqsim bejn kunsinni u bejgħ dirett tal-kwantitajiet ta' referenza individwali li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003, mibdula jekk neċessarju skond l-Artikolu 4(2) ta' dan ir-Regolament.

▼M4

2. Skont l-Artikolu 69(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-Kummissjoni, qabel l-1 ta' Frar ta' kull-sena dwar:

(a) il-kwantitajiet li ġew ikkonvertiti definittavament bejn il-kwoti individwali għal kunsinni u l-bejgħ dirett għat-talba tal-produtturi individwali;

(b) It-tqassim bejn il-kunsinni u l-bejgħ dirett tal-kwota mqiegħda fir-riżerva nazzjonali skont l-Artikolu 71(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 b'effett mill-1 ta' April fil-perjodu ta' 12-il xahar inkwistjoni.

▼B

Artikolu 26

Kwistjonarju

1. Qabel l-1 ta' Settembru ta' kull sena l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-kwistjonarju mniżżel f'L-Anness I, kompletat b'mod xieraq skond l-artikolu 8(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003.

Il-Portugall għandu jikkompleta l-kwistjonarju waqt li jipprovdi informazzjoni addizzjonali sabiex jiddistingwi l-kalkolu ta' l-imposta bejn il-kontinent u l-Azores skond ir-Regolament (KE) tal-Kunsill Nru 1453/2001(7).

2. Meta l-ħtiġiet tal-paragrafu 1 ma jintlaħqux, il-Kummissjoni għandha tiċħad rata fissa, skond l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) tal-Kunsill Nru 2040/2000(8), minn ħlasijiet antiċipati fid-dħul fil-kontijiet tan-nefqa ta' l-agrikultura ta' l-Istati Membri. Dak l-ammont għandu jkun daqs l-imposta mħallsa għal eċċess teoretiku tal-kwantità ta' referenza totali involuta ikkalkulata kif ġej:

(a) meta l-kwistjonarju ma jintbagħatx sa l-1 ta' Settembru jew jekk iddata essenzali għal kalkolu ta' l-imposta tkun nieqsa, il-persentaġġ ta' l-eċċess teoretiku għandu jkun 0,005 % għal kull ġimgħa ta' dewmien;

▼B

(b) jekk tinstab diskrepanza ta' aktar minn 10 % bejn is-somma tal-kwantitajiet ikkunsinnati jew mibjugħa direttament, kif notifikati fl-aġġornamenti previsti fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, u dawk mogħtija fir-reazzjoni inizzjali għall-kwistjonarju, il-persentaġġ ta' l-eċċess teoretiku għandu jkun ta' 0,05 %.

3. Meta l-informazzjoni meħtieġa mill-kwistjonarju tinbidel, b'mod partikolari b'riżultat tal-kontrolli previsti fl-Artikoli 18 sa 21, l-Istat Membru involut għandu jikkomunika aġġornament tal-kwistjonarju lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Diċembru, l-1 ta' Marzu, l-1 ta' Ġunju u l-1 ta' Settembru ta' kull sena.

Artikolu 27

Komunikazzjonijiet oħra

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-miżuri adottati biex japplikaw ir-Regolament (KE) Nru 1788/2003 u dan ir-Regolament, u kull emenda li ssir għalihom, fi żmien xahar wara l-aċċettazzjoni tagħhom Fil-każ tal-miżuri adottati skond l-Artikoli 16, 17 u 18 tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003 jew skond l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament, spjegazzjoni tal-miżuri adottati u tal-iskop tagħhom għandha tkun konġunta ma' l-avviż.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-metodu/i wżat/i għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament biex ikejjlu l-massa jew, meta applikabbli, biex ibiddlu mill-volum għall-massa, ir-raġunar wara l-ko-effiċjenti magħżula, u ċ-ċirkostanzi eżatti li fihom japplikaw, flimkien ma' xi'emendi sussegwenti għalihom.

3. Qabel l-1 ta' Settembru 2004, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'rapport qasir dwar is-sistema għall-amministrazzjoni tal-kwantitajiet ta' referenza nazzjonali tagħhom, u qabel l-1 ta' Settembru ta' kull sena wara, f'każ ta' xi tibdil għal dik is-sistema, b'aġġornament ta' dak ir-rapport.

Ir-rapport għandu jikkomprendi deskrizzjoni tas-sitwazzjoni kurrenti, b'mod partikolari inkwantu għall-miżuri adottati f'każ ta' trasferimenti temporanji, trasferimenti bl-artijiet, miżuri ta' trasferimenti speċifiċi oħra, l-użu tar-riallokazzjoni ta' kwantitajiet mhux użati u r-rikors għar-riserva nazzjonali.

▼M5

4. Qabel l-1 ta' Ottubru ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni rapport dwar l-użu tal-kwota u l-ġbir tal-imposta fir-rigward tal-perjodu ta' 12-il xahar li jispiċċa fil-31 ta' Marzu tal-istess sena kalendarja. Qabel l-1 ta' Diċembru, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw aġġornament tar-rapport lill-Kummissjoni biex ikun jinkludi kull tagħrif ġdid disponibbli u rilevanti.

5. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 4 għandu jinkludi t-tagħrif dwar ir-riallokazzjoni ta' kwota mhux użata inkluż l-għadd ta' produtturi li saru allokazzjonijiet għalihom u l-bażi għall-allokazzjonijiet. Fir-rapport, l-Istati Membri għandhom jinkludu tal-inqas it-tagħrif imsemmi fil-Parti 1 tal-Anness IIa. Fil-każ tar-rapport li għandu jiġi kkomunikat qabel l-1 ta' Ottubru 2009, dan għandu jipprovdi t-tagħrif rilevanti fir-rigward tal-perjodi ta' 12-il xahar kemm tal-2008/2009 kif ukoll tal-2007/2008.

▼M5

6. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 4 għandu jistipula l-ammont ta' imposta għaż-żejjed imħallsa sa dik id-data lill-awtorità kompetenti, l-għadd ta' produtturi li qed jagħtu kontribut għall-ħlas ta' imposta għaż-żejjed imħallsa sa dik id-data, l-ammont u l-għadd ta' każijiet fejn l-imposta għad trid titħallas, u l-ammont u l-għadd ta' każijiet fejn l-imposta għaż-żejjed ġiet meqjusa impossibli li tinġabar minħabba każ ta' falliment jew in-nuqqas konfermat fil-kapaċità tal-produtturi li jħallsu. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw it-tagħrif rilevanti fil-format stabbilit fil-Parti 2 tal-Anness IIa. Ir-rapport li għandu jiġi kkomunikat qabel l-1 ta' Ottubru 2009 għandu jinkludi d-dettalji fir-rigward tal-ġbir tal-imposta għal kull perjodu ta' 12-il xahar mill-2003/2004 'l quddiem, jew dettalji fir-rigward ta' kull perjodu ta' implimentazzjoni ta' 12-il xahar fil-każ tal-Istati Membri li implimentaw r-Regolament għall-ewwel darba wara l-2003/2004. Kull rapport sussegwenti għandu jagġorna l-pożizzjoni fir-rigward tal-ġbir ta' kwalunkwe imposta għaż-żejjed li qabel kienet ġiet irrappurtata bħala mhux imħallsa.

▼B

Il-KAPITOLU VI

DISPOSIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 28

Tħassir

Ir-Regolament (KE) Nru 1392/2001 huwa mħassar.

Madankollu, għandu jkompli jgħodd inkwantu għall-perjodu 2003/04, u, meta neċessarju, perjodi ta' qabel sakemm mhux previst mod ieħor mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni f'L-Anness III.

Artikolu 29

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu jgħodd mill-1 ta' April 2004.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

L-ANNESS I

Kwistjonarju annwali dwar l-applikazzjoni ta' l-arranġamenti ghall-imposta fis-settur tal-halib imdaħħla b'Regolament (KE) Nru 1788/2003

PERJODU TA' APPLIKAZZJONI: STAT MEMBRU:

1. **Kunsinni**

1.1. Numru ta' xerrejja approvati:

minn liema gruppi ta' xerrejja:

1.2. Total tal-kwantitajiet ta' referenza individwali allokati ghall-kunsinni qabel ma jittieħed kont tal-kwantitajiet taħt 1.4 (kilogrammi)

1.3. Numru ta' produtturi li ghamlu l-kunsinni:

minn liema produtturi b'kwantitajiet ta' referenza ghall-bejgh dirett ukoll:

1.4. Numru ta' tibdiliet temporanji tal-kwantitajiet ta' referenza mitluba skond l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003

- kunsinni ghall-bejgh dirett u l-kwantitajiet involuti (kilogrammi)
- bejgh dirett ghall-kunsinni u l-kwantitajiet involuti (kilogrammi)

1.5. Kontenut medju ta' xaħam ta' referenza (*)

1.6. Kwantitajiet ta' halib kunsinnat (kilogrammi)

1.7. Kontenut medju ta' xaħam reali tal-kunsinni (g/kg)

▶(1) 1.8. Aġġustament ta' kunsinni minħabba kontenut ta' xaħam:

(a) Kwantità ta' kunsinni soġġetta ghal aġġustament 'il fuq (f'kilogrammi)

(b) Total ta' aġġustament 'il-fuq (f'kilogrammi)

(c) Kwantità ta' kunsinni soġġetta ghal aġġustament 'l isfel (f'kilogrammi)

(d) Total ta' aġġustament 'l isfel (f'kilogrammi). ◀

1.9. Numru ta' trasferimenti temporanji ta' kwantitajiet ta' referenza reġistrati fil-31 ta' Marzu u kwantitajiet involuti (kilogrammi)

1.10. Kwantitajiet ta' referenza mhux użati qabel riallokazzjoni possibbli (kilogrammi)

1.11. Numru ta' produtturi li jibbenefikaw skond l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003:

- ammonti li reġgħu tqassmu mod ieħor (munita nazzjonali):
- ammonti allokati biex jiffinanzjaw il-miżuri taħt l-Artikolu 18(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003 (munita nazzjonali)

2. **Bejgh dirett**

2.1. Total tal-kwantitajiet ta' referenza individwali allokati ghall-bejgh dirett qabel ma jittieħed kont tal-kwantitajiet taħt 1.4 (kilogrammi):

2.2. Numru ta' produtturi:

2.3. Kwantitajiet ta' halib u l-ekwivalenti ghall-halib mibjugha b'mod dirett (kilogrammi):

li minnhom il-prodotti tal-halib fl-ekwivalenti tal-halib (kilogrammi):

li minnhom

- krema u butir:
- ġobon:
- yoghurt:
- oħra:

(*) Il-medja ppiżata tal-kontenuti ta' xaħam individwali u rappreżentattivi kif imsemmi fl-Artikolu 9(5) tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003.

▶(1) M4

▼B

2.4. Kwantitajiet ta' referenza mhux użati qabel riallokazzjoni possibbli (kilogrammi)

2.5. Numru ta' produtturi li jibbenefikaw skond l-Artikolu 18(1) tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003 (munita nazzjonali):

– ammonti li reġgħu tqassmu mod ieħor (munita nazzjonali)

– ammonti allokati biex jiffinanzjaw il-miżuri taħt l-Artikolu 13(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003

▼B

L-ANNESS II

Rati ta' interessi ta' referenza msemmija fl-Artikolu 15(2)

— Għall-Istati Membri fiż-żona ta' l-euro

Rata offruta b'self bejn bank u ieħor fl-Euro (EURIBOR)

— Għad-Danimarka

Rata offruta b'self bejn bank u ieħor f'Kopenħagen(CIBOR)

— Għall-Isvezja

Rata offruta b'self bejn bank u ieħor f'Stokkolma(STIBOR)

— Għar-Renju Unit

Rata offruta b'self bejn bank u ieħor f'Londra(LIBOR)

— Għaċ-Ċipru

Rata offruta b'self bejn bank u ieħor f'Nikożija(NIBOR)

— Għar-Repubblika Ċeka

Rata offruta b'self bejn bank u ieħor f'Praga(PRIBOR)

— Għall-Estonja

Rata offruta b'self bejn bank u ieħor f'Tallin(TALIBOR)

— Għall-Ungerija

Rata offruta b'self bejn bank u ieħor f'Budapest(BUBOR)

— Għal-Litwanja

Rata offruta b'self bejn bank u ieħor f'Vilnjus(VILIBOR)

— Għal-Latvja

Rata offruta b'self bejn bank u ieħor f'Riga(RIGIBOR)

— Għal Malta

Rata offruta b'self bejn bank u ieħor f'Malta(MIBOR)

— Għall-Polonja

Rata offruta b'self bejn bank u ieħor f'Varsavja(WIBOR)

— Għall-Islovenja

Rata offruta b'self bejn bank u ieħor f'Slovenja (SITIBOR)

— Għall-Islovakja

Rata offruta b'self bejn bank u ieħor f'Bratislava(BRIBOR)

▼**M5**

*ANNESS II*a

Rapport imsemmi fl-Artikolu 27(4)

PARTI 1

Tagħrif fir-rigward tal-perjodu ta' 12-il xahar li jispiċċa fil-31 ta' Marzu 20… li jinkludi kemm il-bejgħ bil-kunsinna kif ukoll il-bejgħ dirett

(1) L-għadd ta' produtturi li jaqbżu l-kwota disponibbli tagħhom qabel ir-riallokazzjoni tal-kwota skont l-Artikolu 79 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(2) L-ammont ta' għotjiet eċċessivi u ta' bejgħ dirett minn produtturi inklużi fil-punt (1) (kg) qabel ir-riallokazzjoni tal-kwota skont l-Artikolu 79 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(3) L-għadd ta' produtturi li jkunu użaw inqas mill-kwota disponibbli tagħhom.

(4) L-ammont tal-kwota mhux użata mill-produtturi inklużi fil-punt (3) (kg).

(5) L-għadd totali ta' produtturi meħtieġa biex jikkontribwixxu għal ħlas ta' imposta għaż-żejjed wara r-riallokazzjoni tal-kwota mhux użata skont l-Artikolu 79 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

▼M5

PARTI 2

A. INKLUDI BEJGĦ BIL-KUNSINNA + BEJGĦ DIRETT

Perjodu	Għadd totali ta' produtturi meħtieġa biex jikkontribwixxu għall-imposta	Għadd ta' produtturi li fir-rigward tagħhom l-imposta dovuta tħallset lill-awtorità kompetenti	Għadd ta' produtturi li fir-rigward tagħhom l-imposta dovuta ma tħallsitx lill-awtorità kompetenti	Għadd ta' produtturi inklużi f'(d) fejn l-imposta dovuta qed titfittex bi proċess amministrattiv	Għadd ta' produtturi inklużi f'(d) fejn l-imposta dovuta qed titfittex bi proċess legali	Għadd ta' produtturi inklużi f'(d) li fir-rigward tagħhom l-imposta li għandha titħallas hija soġġetta għal kontestazzjoni permezz ta' proċess legali	Għadd ta' produtturi inklużi f'(d) li fir-rigward tagħhom l-imposta tqieset impossibli li tinġabar	Oħrajn (żid kumment)
(a)	(b)	(ċ)	(d)	(e)	(f)	(g)	(h)	(i)
2003/2004								
2004/2005								
2005/2006								
2006/2007								
2007/2008								
2008/2009								
2009/2010								
2010/2011								
2011/2012								
2012/2013								
2013/2014								
2014/2015								

NB: Il-kolonni minn (e) sa (i) huma subtotali tal-kolonna (d).

▼M5

B. INKLUDI BEJGĦ BIL-KUNSINNA + BEJGĦ DIRETT

Perjodu	Ammont totali tal-imposta dovuta għall-perjodu	Ammont tal-imposta mħallsa lill-awtorità kompetenti	Ammont tal-imposta dovuta li għadha ma tħallsitx lill-awtorità kompetenti	Ammont ta' imposta dovuta inkluża f'(d) li qed titfittex bi proċess amministrattiv	Ammont ta' imposta dovuta inkluża f'(d) li qed titfittex bi proċess legali	Ammont ta' imposta dovuta inkluża f'(d) li hija soġġetta li tiġi soġġetta għal kontestazzjoni permezz ta' proċess legali	Ammont ta' imposta inkluża f'(d) li hi meqjusa impossibli li tinġabar	Oħrajn (żid kumment)
(a)	(b)	(ċ)	(d)	(e)	(f)	(g)	(h)	(i)
2003/2004								
2004/2005								
2005/2006								
2006/2007								
2007/2008								
2008/2009								
2009/2010								
2010/2011								
2011/2012								
2012/2013								
2013/2014								
2014/2015								

NB: Il-kolonni minn (e) sa (i) huma subtotali tal-kolonna (d).

▼B

L-ANNESS III

Tabella ta' korrelazzjoni

Dan ir-Regolament	Regolament (KE) Nru 1392/2001
L-Artikolu 1	L-Artikolu 1
L-Artikolu 2	—
L-Artikolu 3	—
L-Artikolu 4	—
L-Artikolu 5	—
L-Artikolu 6	L-Artikolu 2(1) u (2)
L-Artikolu 7	L-Artikolu 3
L-Artikolu 8	L-Artikolu 5
L-Artikolu 9	L-Artikolu 4
L-Artikolu 10	—
L-Artikolu 11	L-Artikolu 6
L-Artikolu 12	L-Artikolu 2(3)
L-Artikolu 13	L-Artikolu 7
L-Artikolu 14	—
L-Artikolu 15	L-Artikolu 8
L-Artikolu 16	L-Artikolu 9
L-Artikolu 17	L-Artikolu 11(1)
L-Artikolu 18	—
L-Artikolu 19(1) l-Artikolu 19(2) l-Artikolu 19(3)	L-Artikolu 12(1) — l-Artikolu 12(2)
L-Artikolu 20	—
L-Artikolu 21(1)(2)	L-Artikolu 11(3)
L-Artikolu 22	L-Artikolu 12(2)
L-Artikolu 23	L-Artikolu 13
L-Artikolu 24	L-Artikolu 14
L-Artikolu 25	L-Artikolu 15(1)(ċ)
L-Artikolu 26	L-Artikolu 15(1)(e), (2) u (3)
L-Artikolu 27	L-Artikolu 15(1)(a), (b), (d) u (f)
L-Artikolu 28	L-Artikolu 16
L-Artikolu 29	L-Artikolu 17
L-Anness I: Kwestjonarju Annwali	L-Anness I
L-Anness II: Rati ta' interessi ta' referenza	L-Anness II
L-Anness III: Tabella ta' korrelazzjoni	L-Anness III